TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 359/11/GZ

**Joseph Pace**

**vs**

**Joseph Vella – Framegrip Ltd.**

Illum 31 ta' Jannar 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-25 ta' Awissu, 2011 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' hames mitt Ewro (€500) rapprezentanti prezz ta' hgiega 'double-glazed', liema hgiega tkissret wara biss gimgha li kienet giet installata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent ssottometta bil-miktub illi:-**

Il-hgiega kienet ilha mwahhla ghal sena u nofs fl-appartament tieghu u fid-9 ta' Gunju 2011 innota li kienet ikkrakjat minn mal-frame u cempel lil Mr Joe Vella, li kien mar ghandu u qallu li trid tinbidel. Mr Vella mar ghandu fit-22 ta' Gunju 2011 u twahhlet hgiega gdida, pero' wara sebghat ijiem, u cioe' fid-29 ta' Gunju, ir-rikorrent rega' innota li l-hgiega kienet regghat ikkrakjat minn mal-frame minn post iehor. Ghalhekk huwa mill-ewwel cempel lil Mr Vella fit-30 ta' Gunju, u nformah b'dan. Mr Vella ma riedx jemmen u beda jsaqsieh kif tkissret. Ir-rikorrent kien qallu li huwa m'huwiex tekniku u li ma setghax jghidlu kif kienet tkissret il-hgiega stante li huwa kien ghadu diehel id-dar u l-mara kienet indunat bil-hgiega kkrakjata.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Wara dan, ir-rikorrenti kienu rcevew quotation gdida permezz ta' email bi prezz revedut ta' elf sitt mija erbgha u hamsin Ewro u sitta u tletin centezmu (€1654.36), u cioe' b'zieda ta' disgha u sebghin Ewro u sitt centezmi (€79.06). Ir-rikorrenti kienu accettaw dan il-prezz u kkonfermaw l-ordni.

Fl-14 ta' April 2011, persuna mis-socjeta' ntimata kienet marret id-dar tar-rikorrenti sabiex huma jhallsu d-depozitu, ghaliex ir-rikorrenti ma setghux imorru personalment. Huma hallsuh dan id-depozitu fl-ammont ta' sitt mija erbgha u hamsin Ewro (€654.00) fuq l-ordni in kwistjoni.

Fil-25 ta' Gunju, is-socjeta' ntimata kienet marret bix-xoghol li kien jikkonsisti f'tieqa u zewg (2) bibien. It-tieqa u wiehed mill-bibien kienu twahhlu fil-post u l-qisien kienu tajbin, pero' meta gew biex iwahhlu l-bieb l-iehor huma kienu skoprew li l-qisien kienu hziena. Ghalhekk, il-haddiema kienu cemplu lis-Sur Stephen u dan minn naha tieghu kien cahad li ha l-qisien personalment u beda jkellem lir-rikorrenti b'mod pastaz. Huwa kien qal lir-rikorrenti illi sabiex ikomplu bix-xoghol huma riedu jzidu tmenin Ewro (€80.00) fil-prezz. Ir-rikorrenti ma accettawx din iz-zieda ghaliex diga' kienu hallsu zieda fil-prezz qabel. Mhux talli hekk, pero' s-socjeta' ntimata halliet lir-rikorrenti b'nofs ix-xoghol sa llum.

Ir-rikorrenti hassew ruhhom aggravati b'dan in-nuqqas ta' servizz u ghalhekk qed jitolbu li jhallsu l-prezz li l-partijiet kienu ftehemu fuqu fl-14 ta' April 2011 lis-socjeta' ntimata (fuq liema ammont ir-rikorrenti kienu diga' hallsu depozitu fl-ammont ta' sitt mija erbgha u hamsin Ewro (€654.00); li jiehdu lura l-hlas ta' dan it-Tribunal u kull spejjez involuti f'dan it-Tribunal; u li jinghataw ix-xoghol komplut bil-garanzija kif suppost.

Ir-rikorrenti ezebew kopja tal-quotation originali ghall-prezz ta' elf hames mija hamsa u sebghin Ewro u tletin centezmu (€1575.30), datat 3 ta' Frar 2011; kopja tal-quotation rivedut ghall-prezz ta' elf sitt mija erbgha u hamsin Ewro u sitta u tletin centezmu (€1654.36), datat 12 ta' April 2011; kopja ta' l-order form minn fejn jirrizulta l-hlas ta' sitt mija erbgha u hamsin Ewro (€654.00) bhala depozitu, data 14 ta' April 2011; u tliet (3) ritratti tax-xoghol li kien jikkonsisti f'tieqa u zewg (2) bibien.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, imharrka diversi drabi, m'hijiex debitament notifikata, stante li t-tahrikiet dejjem baqghu 'unclaimed' nonostante l-fatt li l-indirizz huwa wiehed validu. Ill ghalhekk, l-istess socjeta' ntimata msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll ma baghtietx risposta bil-miktub.

'solar protection film' fuq il-hgieg. Ezebiet ukoll kopja ta' l-Invoice Nru 3608 li juri l-ispejjez tal-hgiega u x-xogholijiet involuti ma' l-installazzjoni.

Irrizulta, wara domandi da parti tat-Tribunal, illi kienu ghaddew biss ftit ijiem fejn il-partijiet kienu ghadhom ma ftehmux fuq gurnata adegwata ghat-tnejn li huma sabiex jiltaqghu fuq il-post, wara liema, it-Tribunal jinnota li r-rikorrent qabad u biddel il-hgiega a spejjez tieghu minn kumpannija totalment differenti, u sussegwentement ghamel it-talba tieghu sabiex jigbor l-ispejjez li nefaq sabiex biddel din il-hgiega. Huwa fil-fatt ezebixxa rcevuta ghal dan il-ghan fl-ammont ta' erbgha mija u tmenin Ewro (€480).

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt li din it-talba missa qatt ma giet intavolata stante li qatt ma kien hemm rifjut ta' servizz jew oltre minn naha tas-socjeta' ntimata, hlief li l-partijiet kellhom jistabbilixxu gurnata adegwata ghalihom it-tnejn sabiex jiltaqghu fuq il-post; u l-fatt li r-rikorrent ghamel din it-talba, wara li huwa kien qabad u biddel il-hgiega minn jeddu u a spejjez tieghu, meta s-socjeta' ntimata qatt ma kienet irrifjutat li ssewwi jew li tbiddel il-hgiega, qed isib it-talba tar-rikorrent manifestament frivola u vessatorja u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrent, u qed jordna lir-rikorrent ihallas l-ammont ta' hamsin Ewro (€50) bhala penali lis-socjeta' ntimata, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**